# ALFREDO CARUANA GATTO

*(1868 - 1926)*

*Alfred E. Baldacchino*

Alfredo Caruana Gatto, bin il-Konti Dott. Antonio Caruana u n-nobbli Sinjura Vinċenza Formosa Montalto, twieled fit-3 ta' Settembru 1868, fil-Belt Valletta, u ġie mgħammed fil-Knisja ta' San Duminku.

Ta' età żgħira kien diġà wera interess fil-friefet u l-ħxejjex, u dan wasslu biex jibda l-kors tal-Mediċina. Iżda billi ma tantx kellu kuraġġ meta kien jara d-demm, fit-tieni sena qaleb għall-kors ta' l-Arti. Ta' 21 sena ħa l-baċellerat ta' l-Arti. Fit-2 ta' Awwissu 1892, ta' 24 sena, laħaq avukat.



*Tpinġija tal-Konti Caruana Gatto li tinstab fl-Università l-Qadima, il-Belt Valletta.*

Sir Augusto Bartolo kien irrefera għal Caruana Gatto wara mewtu, bħala avukat li kien jagħmel ġieħ lill-Qorti ta' Malta. Iżda għalkemm Caruana Gatto kien avukat imfittex, wieħed mill-aqwa tal-kriminali ta' żmienu, huwa xorta baqa' jsib il-ħin għall-istudju ta' l-istorja naturali.

Caruana Gatto ħadem ħafna b'riżq l-istorja naturali ta' pajjiżna. Ċertament wieħed mill-akbar xogħlijiet tiegħu huwa l-ktieb *Flora Melitensis Nova* li fih, flimkien mat-Taljan Stefano Sommier, fl-1915 ippubblikaw lista tal-fjuri tal-gżejjer Maltin li kienet tammonta għal madwar 1990 speċi. Din il-pubblikazzjoni kienet tħallset mill-gvern Taljan. Alfredo Caruana Gatto kien jikteb f'diversi rivisti u pubblikazzjonijiet Maltin, fosthom il-*Mediterranean Naturalist,* rivista li kienet toħroġ kull xahar. F'din ir-rivista nsibu noti ta' Caruana Gatto fuq il-*Fungus melitensis,* kif ukoll studju fuq il-mard tas-siġar u l-pjanti, bħall-mard tad-dwieli, u ieħor fuq id-dubbiena tal-larinġ.

Fl-*Archivium Melitense*, il-gurnal tas-*Società Storica Scientifica,* insibu ukoll diversi xogħlijiet ta' Caruana Gatto. Fost dawn hemm studju fuq il-passa tal-Kruċjat, ieħor fuq l-għekierex ta' l-ilma salmastru f'Malta, ieħor fuq il-pjanti indiġeni bħall-*Euphorbia*

*pubescens* li ma baqgħetx tikber u ma setgħetx tinstab aktar f'Malta. Xogħol ieħor ta' Caruana Gatto kien fuq il-friefet erratiċi, jiġifieri dawk il-friefet li jkunu dehru xi darba fostna imma li mhux soltu jersqu lejn pajjiżna.

Iżda Caruana Gatto kien jippubblika wkoll f'rivisti barranin. Fir-*Rivista Italiana di Scienze Naturali e Bollettino del Naturlista* dehru żewġ kontribuzzjonijiet oħra ta' Caruana Gatto fuq il-friefet li jinstabu f'Malta.

Fl-1894 dehret pubblikazzjoni ta' Caruana Gatto fuq il-ħanfus l-aktar komuni fil-gżejjer Maltin, li aktar tard dehret aktar fid-dettall fit-*Transactions of the Entomological Society of London.*

Qasam ieħor fejn Caruana Gatto kellu suċċess kien fl-istudju tiegħu fuq il-bugħeriewen, u hawn insibu li Caruana Gatto sab bugħarwien li kien ġdid għax-xjenza u li għall-ewwel ħasbu li kien endemiku, jiġifieri li kien jinstab fil-gżejjer Maltin biss. Iżda wara, dan il-bugħarwien instab f'pajjizi oħra wkoll, għad li baqa' jżomm l-isem ta' *Deroceras caruanae* għal Caruana Gatto li kien sabu.

Minbarra li ta sehmu fil-liġi u fl-istorja naturali, Caruana Gatto kellu sehem attiv ukoll fil-politika. Fl-1921 kien imsieħeb mal-partit *Unione Politico Maltese* mmexxi mill-Monsinjur Panzavecchia. Serva bħala senatur kif ukoll bħala Ministru tal-Ġustizzja, għalkemm mhux għal żmien twil. Ċertament li l-lingwi li kien jitkellem għenuh ħafna fix-xogħol tiegħu. Hu kien jitkellem bl-Ingliż, bit-Taljan, bil-Franċiż, bil-Germaniż u bil-Grieg.

Alfredo Caruana Gatto kien President tas-*Società Economico-Agraria,* minbarra li kien ukoll membru ta' diversi soċjetajiet oħra lokali kif ukoll barranin. Il-Professur Napuljun Tagliaferro, ir-rettur ta' l-Università ta' Malta, kien ħajjar u għamel il-qalb lil Caruana Gatto meta dan kien għadu l-università. Mill-banda l-oħra Caruana Gatto kien ta sehmu biex titwaqqaf is-*Società Storica Scientifica* taħt l-inizjattiva tal-Professur Tagliaferro li sar l-ewwel president tagħha. Matul is-sħubija tiegħu f'din is-soċjetà, Alfredo Caruana Gatto kemm-il darba kien president tagħha.

Wara mewtu, Caruana Gatto ħalla lill-Mużew il-kollezzjoni personali tiegħu ta' kotba, bebbux u insetti, bil-kundizzjoni li dawn jiġu kklassifikati u rranġati minnu u mill-Kuratur tat-Taqsima ta' l-Istorja Naturali, Giuseppe Despott. Sfortunatament, minħabba marda li laqtet lil Despott, dan ix-xogħol ta' klassifikazzjoni baqa' ma seħħ qatt u l-kollezzjoni tal-bebbux baqgħet stivata fil-kaxxi. Huwa dokumentat li wħud li ma kinux esperti fl-studji xjentifiċi ħawdu din il-kollezzjoni u ġabuha fix-xejn.

Lill-Università Rjali ta' Malta, Caruana Gatto ħallielha wkoll diversi kollezzjonijiet, fosthom erbarju ta' 'l fuq minn tliet mitt volum ta' pjanti, kollezzjoni ta' l-algi ta' l-ilma baħar u anke ta' l-ilma ħelu, kif ukoll

kollezzjoni tal-likeni u ta' fungi u brijofiti b'tagħrif fuq kif għandhom jiġu miżmuma u kkurati. Dawn kienu ġew ikklassifikati u ordnati minn Carmelo Penza u kienu jinżammu fil-ġonna botaniċi ta' l-Argotti. Iżda fl-1973 il-ġonna botaniċi ta' l-Università kienu ġew trasferiti lid-Dipartiment ta' l-Agrikoltura.

Wieħed mill-akbar ħbieb tiegħu, Carmelo Penza, jirrakkonta kif fit-28 ta' Settembru ta' l-1926 ftiehmu biex l-għada jmorru jqattgħu ġurnata Għajn il-Kbir, il-Girgenti. Matul din il-ħarġa Caruana Gatto, qabdu l-għatx u għamel kif qatt ma kien għamel qabel. Xorob minn xi ilma ġieri. Skond Penza, Caruana Gatto "xorob il-mewt". Il-pitgħada ta' din il-ħarġa, Caruana Gatto qam ma jiflaħx. Fil-15 ta' Ottubru, Caruana Gatto miet fl-età ta' 58. Miet bit-tefojde.

It-telfa ta' dan in-naturalista kienet daqqa ta' ħarta għall-istudju u l-ħarsien tal-wirt naturali Malti.

BARTOLI CANDLES
LOUIS BARTOLI & SONS LTD.
CANDLE MANUFACTURERS · IMPORTERS · EXPORTERS
Dingli Road, Rabat RBT 07, Malta
Phone 454525 - 455397
Fax: 459132
Telex: 1814 MW ATT L. BARTOLI & SONS LTD RABAT
Cables: BARTSONS MALTA.